Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 39

Data tal-laqgħa: 31 ta` Awwissu 2017

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fis-1.30 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 39.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

39.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 38

39.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tmienja u Tletin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

39.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 39.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

39.3.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li ġew iċċekkjati l-akwati tal-ħanut tat-*tattoos* fil-Wied ta` Ħal Balzan u ġie nnutat li m`hemmx spazju biex ssir *Motorcycle Bay.*

39.3.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill bir-risposta mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill qed jiġi nfurmat li mhux permess jintużaw il-ħaddiema allokati mall-Kunsill biex isir biex isiru toqob għall-arbli tal-festa.

## 39.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

39.4.1.1 Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li nhar it-Tnejn, 28 ta` Awwissu 2017, kellu laqgħa ma` Transport Malta dwar il-*bollards* li ġew installati fejn il-fabbrika tal-għaġin fil-Wied ta` Ħal Balzan. Għal din il-laqgħa attendiet ukoll is-SE.

39.4.1.2 Is-Sindku qal li kif saret it-triq, trasport pubbliku mhux qed jgħaddi mill-Wied ta` Ħal Balzan. Dan qed joħloq inkonvenjent kbir għar-residenti. Transport Malta qed jissuġġerixxu l-possibilta` li parti mill-Wied ta` Ħal Balzan (minn bejn il-fabbrika tal-għaġin sa Triq it-Tabib J Zammit) tiġi *one-way* bit-traffiku jitla` biss lejn il-fabbrika tal-għaġin .

39.4.1.3 Is-Sindku qal li Transport Malta se jiddiskutu kif jistgħu jagħmlu dan mingħajr ma jiġi affetwat it-trasport pubbliku. Il-Kunsill qabel ma` dan bil-kundizzjoni li s-siġar li hemm fil-Wied ta` Ħal Balzan ma jitneħħewx. Transport Malta għandhom jibgħatu għall-Kunsill fil-jiem li ġejjin qabel ma jsir xi tibdil li jista` jkun bi prova.

39.4.2.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li avviċinah Dr Christian Farrugia li joqgħod fi Triq Idmejda fejn qed jinfurma lill-Kunsill li diversi residenti fl-imsemmija triq qed iħossuhom sikuri u għalhekk qed jissuġġerixxi li jiġi introdott il-kunċett tan-*neighbourhood watch.* Is-Sindku qal li biex dan il-kunċett jaħdem irid ikun hemm voluntiera li joffru li jħaddmu dan il-kunċett.

39.4.2.2 Dr Farrugia ipprovda diversi punti u suġġerimenti dwar dan li se jiġu mibgħuta lill-Kunsilliera. Dan is-suġġeriment jiġi diskuss iktar `il quddiem.

39.4.3 Is-Sindku semma l-problema ta` skart li qed jinħareġ wara li jgħaddi l-kollettur jew minn filgħaxija. Ġie deċiż li jiġi stampat *leaflet* bil-kulur bid-dettalji kollha tal-ħinijiet u l-ġranet ta` ġbir tal-iskart. Dan il-*leaflet* se jiġi mqassam fir-residenzi kollha ta` Ħal Balzan.

## 39.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

39.5.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` staqsa jekk jistax isir xi ħaġa fuq djar mitluqa fil-lokalita`. Ġie nnutat li dwar dan ma jista` jsir xejn min-naħa tal-Kunsill.

39.5.2.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` infurma lill-Kunsill li dwar l-istat ta` Triq il-Wied ta` Ħal Balzan tkellem mal-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali is-Sur Mario Fava u mal-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, fejn ġie nfurmat li l-imsemmija triq hija prijorita` pero` għad m`hemmx data stabbilita` ta` meta se ssir.

39.5.2.2 Il-Kunsillier Joe Galea qal li dwar din il-kwistjoni kellem ukoll lill-Dr Chris Fearne.

39.5.3 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` qed jissuġġerixxi li jiġi pprintjat *poster* biex tiġi mqajjma kuxjenza kontra Vjolenza Domestika u jitwaħħal f`post prominenti fil-lokalita`. Il-Kunsill qabel ma` dan.

39.5.4 Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li qed jistenna risposta mingħand il-Cleansing Department dwar jekk nistgħux ngħaddu r-rapporti ta` min jinqabad bis-CCTV jarmi fejn il-*Bring-In-Site* direttament lilhom peress li mhux qed insibu koperazzjoni mill-pulizija.

39.5.5 Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li residenti ta` Buontempo Estates jixtiequ li l-Kunsill jiffirma l-petizzjoni u qed jitolbu lill-Kunsill jappella formalment mal-Planning Authority għall-applikazzjoni ta` żvillup biex dar ġewwa Buontempo Estates tiġi mibdula f`*guest house*. Ġie nnutat li Buontempo Estates hija privata u l-Kunsill m`għandux jidħol fiha.

39.5.6 Il-Viċi Sindku Andre` Grech qed jerġa` jsemmi s-suġġeriment ta` diversi residenti li parti minn Triq Guzi Bonnici issir *One-Way*. Dan is-suġġeriment se jiġi kkunsidrat wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni minn Transport Malta dwar it-*Traffic Management* fil-Wied ta` Ħal Balzan.

**F`dan il-ħin (3.00pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fit-3.10pm.**

## 39.6 Inawgurazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv il-ġdid

39.6.1 Din l-attivita` se ssir nhar il-Ġimgħa 22 ta` Settembru 2017 flimkien ma` *Balzan Arts and Music Festival 2017.* Fis-7.00pm jibda l-ftuħ tal-wirja fil-bandli u fis-7.30pm ikun hemm l-Inawgurazzjoni tal-uffiċċju.

39.6.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 18 ta` Settembru 2017 fit-3.00pm se ssir il-Konferenza Stampa fil-bandli dwar *Balzan Arts and Music Festival 2017.* Din il-Konferenza Stampa se tkun indirizzata mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet l-Onor. Silvio Parnis.

39.6.3 Il-Kunsill qabel li jistieden lill-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, President ta` Malta biex tinawgura l-Uffiċċju Amministrattiv. Kien hemm qbil ukoll li jekk l-Eċċellenza Tagħha ma tkunx tista` tattendi, ninfurmaw jew lill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali l-Onor Dr Owen Bonnici jew lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet l-Onor. Silvio Parnis.

39.6.4 Ġiet diskussa u approvata l-lista tal-invitati.

39.6.5 Se nġibu kwotazzjonijiet għar-riċeviment tal-Inawgurazzjoni.

## 39.7 *Risk Assessment Report*

39.7.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda ir-*Risk Assessment Report.* Kopja tar-rapport ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

39.7.2 Dan ir-rapport ġie diskuss u se jiġu kkunsidrati l-pariri elenkati f`dan ir-rapport.

## 39.8 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

39.8.1.1 Ġiet innutata Ċirkulari Numru 23/2017 – *Qualification Allowance* għas-Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema Klerikali tal-Kumitati Reġjonali u Kunsilli Lokali mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

39.8.1.2 Kif mitlub minn din iċ-Ċirkulari, l-iskrivan Lawrence Pace qed jagħmel it-tiegħu għall-*Qualification Allowance* lill-Kunsill peress li għandu *Masters in Business Administration.* Il-Kunsill approva li għandu jingħata l-*Qualification Allowance* peress li skond il-lista elenkata f`Appendiċi A tal-*Manual of Allowence,* din il-kwalifika għandha relazzjoni diretta man-natura tax-xogħol tas-Sur Pace.

39.8.2.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill b`ittra tas-Sur Carmel Bezzina fejn qed jitlob li jinbidel l-isem ta` żewġ (2) toroq f`Ħal Balzan. Is-Sur Bezzina qed juri d-dispjaċir tiegħu li persuni prominenti f`Ħal Balzan, li taw kontribut validu u dejjiemi lir-raħal, u llum m`għadhomx mal-ħajjin donnhom intesew u m`hawnx triq fir-raħal li tfakkar il-memorja tagħhom. Qed jissemmew b`mod partikolari għall-Konti Bernardo Manduca u għal Mons. Dun Ġwann Dimech.

39.8.2.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li skond il-linji gwida għat-tismija ta` triq, ġnien, misrah, eċċ, f`każi eċċezzjonali biss għandu jkun hemm bdil fl-isem ta` triq u ma jiġix aċċettat bdil fl-isem mingħajr raġuni valida.

39.8.2.3 Il-Kunsill innota wkoll li jkun ta` inkonvenjent kbir għar-residenti jekk jinbidel l-isem tat-triq. Għalhekk ġie deċiż li l-ismijiet issuġġeriti mis-Sur Bezzina jiġu kkunsidrata f`każ li jkun hawn toroq ġodda fil-lokalita`.

39.8.3 Ġiet innutata ittra mibgħuta minn The Marigold Foundation fejn qed jistiednu lill-Kunsilli Lokali biex jieħdu sehem fil-*Pink October Campaign 2017* billi jixgħelu post monumentali fil-lokalita` bil-kulur roża matul ix-xahar ta` Ottubru. <Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` issuġġerixxa li l-Kunsill jieħu sehem.> Il-Kunsill qabel li ma jieħux sehem peress li l-ispiża hija għolja biex tixgħel post għal xahar sħieħ.

39.8.4 Ġiet innutata Ċirkulari Numru 21/2017 – Inizjattiva dwar Restawr ta` Postijiet Storiċi 2017 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Se tiġi ċċekkjata l-possibilta` li napplikaw biex tiġi rrestawrata l-istatwa ta` Santa Marija.

39.8.5.1 Ġiet innutata ittra mibgħuta minn Sr Doris Saliba fejn qed titlob lill-Kunsill biex japplika għall-fondi skond Ċirkulari Numru 21/2017 biex tiġi rrestawrata l-kappella tal-Bon Pastur. Kunsill Lokali jista` japplika għal restawr ta` dan il-bini wara li jġib il-kunsens bil-miktub tal-proprjetarju u bil-kondizzjoni li l-Kunsill jibqa` responsabbli għal tali applikazzjoni, inkluż l-ispejjeż u l-permessi marbutin magħha. Jekk issir l-applikazzjoni, il-Kunsill jintrabat li jħallas kull dritt dwar bini u ħlas ieħor għal permess mill-Awtorita` tal-Ippjanar u li jżomm l-bini f`kondizzjoni tajba għal żmien ta` għaxar (10) snin wara li jitlesta l-proġett ta` restawr.

39.8.5.2 Il-Kunsill innota li din titla` għal spiża fenomenali li l-Kunsill ma jaffordjax u għalhekk, din it-talba ma ġietx milqugħa.

39.8.6 Ġiet innutata *email* fejn qed tintalab informazzjoni mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet dwar id-diffikultajiet finanzjarji li qed ixekklu l-Kunsilli milli jaqdu l-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil li tissemma l-problema ta` manutenzjoni tat-toroq u l-bankini u l-ispiża tal-kera tal-uffiċċju amministrattiv.

39.8.7 Ġiet innutata *email* mibgħuta mis-Sur Edward D`Agostino, resident fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, fejn qed jilmenta dwar l-istat tal-imsemmija triq. Ġie nnutat li l-Kunsill infurma lill-Gvern bi tliet (3) toroq li l-iktar jinsabu fi stat ħażin, fejn Triq il-Ferrovija l-Qadima hija waħda minnhom. Hija d-deċiżjoni tal-Gvern li jagħżel l`hiema toroq isiru l-ewwel.

## 39.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

39.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 9/17 li ġġib id-data tal-31 ta` Awwissu 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €40,103.82.

39.9.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 39.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

39.10.1 Il-Laqgħa ntemmet fl-4.15pm.

39.10.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 18 ta` Settembru 2017 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 18 ta` Settembru 2017.

IFFIRMATA

Nut. Ian Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv